St Margaret College Literacy Team

# Stampa Stampa Noħolqu Storja

Attivita' ta' taħdit u smigħ u kitba.



Rosanne Talbot

April 2020

**<u>Għajnuniet għall-ġenituri/kuraturi:</u>**

Spunt għad-diskussjoni:

"Ejja niddiskutu l-istampi u wara niktbu storja!"

- L-għan ta' dan l-eżerċizzju huwa li t-tfal jiddiskutu mal-ġenituri/ kuraturi dak li qed jaraw fl-istampi u jiktbu storja fuq dak li qed jaraw.
- L-ewwel uri lit-tfal l-istampi waħda, waħda. Ma' kull stampa hemm abbinat sett ta' mistoqsijiet. Dawn jgħinu lit-tfal biex jiżviluppaw id-diskussjoni.
- Wara urihom l-istampi kollha f'daqqa u t-tfal jirrakkuntaw l-istorja. Fl-aħħar itlobhom jiktbuha.

*L-ewwel stampa*

- X'qed tara f'din l-istampa?
- F'liema staġun taħseb li ttieħed dan ir-ritratt?
- Taħseb li dan ir-ritratt ittieħed riċenti? Għaliex?
- Taħseb li dan ir-ritratt ittieħed Malta? Għaliex?
- X'tip ta' bajja togħġbok l-aktar, bajja bir-ramel jew bil-blat? Għaliex?



*It-tieni stampa*

- X'qed tara f'din l-istampa?
- Kemm taħseb li għandha żmien dik it-tfajla?
- Taħseb li taf tgħum? Għaliex?
- Taħseb li sewwa li l-ewwel ħaġa li tagħmel hija li taqbeż għal rasek?
- Jien nafha lil dik it-tfajla. Trid tistaqsini xi ħaġa dwarha?



*It-tielet stampa*

- Iddeskrivi l-istampa.
- X'taħseb li ħasset malli t-tfajla qabżet ġo dak l-ilma?
- X'taħseb li qalu l-bram malli daħlet fit-territorju tagħhom?
- X'għandek tieħu miegħek kull meta tmur il-baħar?
- Taħsbu li ħadet gost b'dak li ġara u bil-kumplament tal-ġurnata?



*Ir-raba' stampa*

- X'qed tara f'din l-istampa?
- Fejn spiċċat marret it-tfajla?
- Għalfejn taħseb li marret għand it-tabib?
- Taħseb li darb'oħra li tmur il-baħar taqbeż għal rasha l-ewwel?
- X'se tagħmel mela?



**<u>Spunt għall-ġenituri/kuraturi:</u>**

Fl-aħħar it-tfal jintwerew l-istampi f'daqqa. Jiddiskutu l-istorja u jiktbuha.

**Attivitajiet supplimentari:**

- Jistgħu jiddeskrivu l-bajja favorita tagħhom.
- Jistgħu jagħmluha tat-tabib u jiktbu xi pariri li jagħtu lit-tfajla.
- Jistgħu jirrakkuntaw jew jiktbu dwar esperjenza tagħhom personali meta laqtu ma' brama.







